**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nikolai Sant)**

**vs.**

**Otis Cassar**

Numru 188/2012

Illum id-disgha (9) ta' Jannar 2018

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat **Otis Cassar**, ta' disgha u tletin (39) sena, bin Joseph u Rose neé Galea, imwieled Valletta nhar l-4 ta' Settembru 1972, u joqghod gewwa 'St. Joseph', 330, Flat No. 2, Triq in-Naxxar, Birkirkara u detentur tal-Karta tal-Identita bin-Numru 0377172(M)

akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar it-18 ta' Frar 2012, kif ukoll fix-xhur ta' qabel din id-data:

1. ittraffika, biegh, qassam jew offra li jittraffika, ibiegh jew iqassam medicina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) minghajr awtorizazzjoni specjali bil-miktub mis-Suprintendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-

Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom X'Jaqsmu Maghha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati;

2. kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) minghajr awtorizazzjoni specjali bil-miktub mis-Suprintendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom X'Jaqsmu Maghha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati, liema medicina nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

3. ikkommetta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, *club* jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu z-zaghzagh bi ksur tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur ta' l-Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. ikkommetta reat waqt li kien taht Ordni ta' *Probation*, moghtija mill-Qorti ta' Malta, preseduta mill-Magistrat Dr. J. Apap Bologna LL.D. nhar it-23 ta' Ottubru 2009, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

6. sar recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti ta' Malta preseduta mill-Magistrat Dr. L. Quintano LL.D. nhar it-28 ta' Lulju 2010 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet ukoll mitluba li, f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skont l-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali (*a fol.* 11) datat 20 ta' Frar 2012 fejn, bis-sahha ta' Artikolu 22(2) ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta), l-Avukat Generali ordna li l-imputat jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali biex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu ghall-ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali (*a fol.* 12) datat 20 ta' Frar 2012 fejn, bis-sahha ta' Artikolu 120A(2) ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom X'Jaqsmu Maghha (Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta), l-Avukat Generali ordna li l-imputat jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali biex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu ghall-ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza.

Rat il-Process Verbal bin-Numru 116/2012 (*a fol.* 53 *et seq.*) redatt mill-Magistrat Inkwirenti Dr. Miriam Hayman liema Process Verbal jirrigwarda sejba ta' mitejn u sebgha u hamsin (257) pillola *ecstasy* fuq l-persuna u proprjeta' ta' Otis Cassar gewwa Birkirkara fit-18 ta' Frar 2012.

Rat illi, fis-seduta tal-24 ta' Lulju 2012 (*a fol.* 190), il-Qorti kif diversament preseduta ordnat is-sekwestru f'idejn l-imputat u f'idejn terzi persuni b'mod generali l-flejjes u l-proprjeta' kollha dovuti lill-imputat, imissu lilu, jew huma proprjeta' tieghu.

Rat in-Nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 264 u 265) datata 9 ta' Mejju 2013 fejn:

- *ai termini* ta' Artikolu 31 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligjiet ta' Malta) u Artikolu 120A(2C) tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom X'Jaqsmu Maghha (Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta), baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

  u

- *ai termini* ta' Artikolu 370(1)(3)(a) tal-Kodici Kriminali (Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta) baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

    - fl-Artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta;
    - fl-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tal-15 ta' Mejju 2013 (*a fol.* 266*)*, il-Qorti diversament preseduta gabet a konjizzjoni tal-partijiet in-Nota tal-Avukat Generali tad-9 ta' Mejju 2013 (*a fol.* 264 u 265) f'liema seduta gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota msemmija u f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef (*a fol.* 316 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tal-20 ta' Ottubru 2015 (*a fol.* 320), lill-Prosekuzzjoni u lid-difiza jezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Rat illi l-imputat ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri.

Semghet lix-xhieda prodotti mid-difiza.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni pprezentata fit-22 ta' Mejju 2017 (*a fol.* 330 *et seq.*).

Rat in-Nota Responsiva tad-difiza pprezentata fit-18 ta' Settembru 2017 (*a fol.* 333 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2017, is-sottomissjonijiet ulterjuri bil-fomm tad-difiza (*a fol.* 347 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2012, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Nikolai Sant** (*a fol.* 48 *et seq.*) li rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-13 ta' Gunju 2012 (*a fol.* 183 *et seq.*) u dana *stante* li partijiet sostanzjali mid-depozizzjoni originali tieghu ma gewx traskritti minhabba li r-registrazzjoni ma kinitx cara. Jispjega li fis-17 ta' Frar 2012 kienet giet arrestata certu Natasha Farrugia li kienet imwaqqfa fic-Cirkewwa u li kienet sejra l-Karnival f'Ghawdex fejn instabet b'sustanza ta' hamsin (50) pillola *ecstasy*. Jghid li Farrugia kkooperat mal-ewwel mal-Pulizija. Jghid li l-Magistrat tal-Ghassa approvat li ssir *controlled delivery* fejn Natasha Farrugia kellha tibghat SMS lill-imputat fejn kellha tiltaqa' mieghu l-ghada t-18 ta' Frar 2012. Jghid li ntbaghat dan il-messagg u gie miftiehem fejn kellhom jiltaqghu. Jghid li PS 635 u PS 1220 lemhu lill-imputat diehel f'kazin f'Birkirkara u fuqu kienu sabu kwantita' ta' hamsin (50) pillola *ecstasy*. Jghid li minn tfittxija li saret fil-vettura Peugeot 306 bin-numru ta' registrazzjoni AAL 592 instabet ukoll raza tal-*cannabis*, u kif ukoll xi *sim cards* u xi karti tar-rizna. Jixhed li minn tfittxija li saret fir-residenza tal-imputat f'330, St. Joseph Flats, Number 2, Triq Naxxar, Birkirkara, nstabu madwar mitejn u seba' (207) pilloli ta' kulur roza, liema pilloli kien indikahom mal-ewwel l-imputat. Jghid li nfethet Inkjesta Magisterjali fejn gew mahtura diversi esperti. Jixhed li l-imputat innega li huwa kien qed jittraffika dawn id-drogi pero qal li kienet Natasha Farrugia stess li kienet tathomlu u jghid li l-imputat qal li Natasha Farrugia kienet marret ghandu fil-gurnata tal-Gimgha ghall-habta tas-6.30pm. L-iSpettur Sant jghid li f'dan il-hin Natasha Farrugia kienet arrestata fil-*lock up* tal-Pulizija. Jghid li l-imputat qal li hu beda jzomm dawn il-pilloli sabiex meta jigi mitlub, hu jerga' jaghtihomlha lura. Ezebixxa dikjarazzjoni li giet immarkata bhala Dok. "NS" (*a fol.* 51) u kif ukoll il-Karta tal-Identita' tal-imputat li giet immarkata bhala Dok. "NS 1" (*a fol.* 52). Ikkonferma li l-imputat irrilaxxa zewg stqarrijiet, wahda li tinsab *a fol.* 7 *et seq.* u l-ohra li tinsab *a fol.* 13 *et seq.*. Ezebixxa zewg

sentenzi li gew immarkati bhala Dok. "NS" (*a fol.* 185A *et seq.*) u Dok. "NS 1" (*a fol.* 185F *et seq.*).

L-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Nikolai Sant** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-11 ta' Ottubru 2012 (*a fol.* 212 *et seq.*) fejn ezebixxa sentenza moghtija fit-23 ta' Ottubru 2009 mill-Magistrat Dr. Joseph Apap Bologna fejn giet moghtija Ordni ta' *Probation*, liema sentenza giet ezebita u mmarkata bhala Dok. "NS" (*a fol.* 213A *et seq.*).

L-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Nikolai Sant** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2013 (*a fol.* 250 *et seq.*) fejn ezebixxa fotokopja ta' Ordni ta' *Probation* li nghatat mill-Magistrat Dr. J. Apap Bologna, li giet immarkata bhala Dok. "NS" (*a fol.* 252 *et seq.*). Ghandu jinghad li fis-seduta tal-15 ta' Mejju 2013 (*a fol.* 266), il-Prosekuzzjoni ezebit vera kopja ta' din l-Ordni ta' *Probation* (*a fol.* 267 u 268).

Illi, fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2012, xehed ukoll **PS 635 Alan Calleja** (*a fol.* 65 *et seq.*) li rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-13 ta' Gunju 2012 (*a fol.* 180 *et seq.*). Jghid li kien inghata struzzjonijiet mis-Supretendent Norbert Ciappara u mill-iSpettur Nikolai Sant sabiex issir *controlled delivery* minn ghand Natasha Farrugia fuq l-imputat. Jghid li kellu struzzjonijiet sabiex imur quddiem l-iSmart Supermarket gewwa Birkirkara u josserva l-movimenti tal-imputat. Jghid li ghall-habta tal-10.30am l-imputat gie nnutat hiereg minn gewwa l-*flat* tieghu, rikeb fil-vettura tieghu u beda jsuq fid-direzzjoni lejn Birkirkara u f'xi hin tilfuh. Jghid li aktar tard is-Supretendent Ciappara tah struzzjonijiet sabiex jigbed lejn il-McDonald's f'Birkirkara peress li l-imputat kellu jiltaqa' ma' certu Natasha quddiem l-imsemmi stabbiliment. Jghid li eventwalment hu dahal gol-kazin tal-futbol u li l-imputat dahal ftit tal-hin warajh u baqa' diehel gewwa. Jghid li PS 1220 u PC 857 dahlu wara l-imputat fejn waqfuh u gie nnutat jarmi borza li fiha kien hemm xi pilloli roza. Jghid li minn tfittxija li saret fil-vettura tal-imputat kien instab *joint* b'suspett li kellu xi *cannabis* go fih, karti tar-rizna u zewg *sim cards*. Jghid li baqghu sejrin ir-residenza tal-imputat fejn tkompliet issir tfittxija minn PS 1220.

Illi, fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2012, xehed ukoll **PS 857 John Laferla** (*a fol.* 68 *et seq.*) li rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-24 ta' Lulju 2012 (*a fol.* 191 *et seq.*) fejn spjega li fit-18 ta' Frar 2012 ghall-habta tas-1.00pm kien flimkien ma' PS 1220 gewwa l-klabb tal-futbol f'Birkirkara, u kif avvicinah, l-imputat rema' borza b'xi pilloli fl-art. Jghid li ma jafx kemm kien hemm pilloli u li minn tfittxija li saret fuq l-imputat nstabet bicca blokka kannella fil-but tal-*jeans*. Jixhed li minn tfittxija li saret fil-vettura tieghu Peugeot nstabet *joint* u aktar tard mir-residenza tal-imputat gewwa Birkirkara, l-imputat minn jeddu minn go glekk kulur blu tahom borza ohra bil-pilloli kulur roza. Jghid li aktar tard gol-veranda nstabu hafna sigaretti bir-*roaches* fuqhom. Jghid li l-imputat ikkoopera maghhom.

Illi, fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2012, xehed ukoll **PC 923 Pierre Guido Saliba** (*a fol.* 70 *et seq.*) li rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-24 ta' Lulju 2012 (*a fol.* 194 *et seq.*) fejn spjega li fit-18 ta' Frar 2012 kellha ssir *controlled delivery* u li ghall-habta tal-10.30 kien Birkirkara u gie nfurmat li kellu jigi l-imputat li kellu jigi mwaqqaf u ssir tfittxija fuqu. Jghid li sar jaf li l-imputat kien imwaqqaf post iehor u ghal xi 1.10 marru mal-imputat fir-residenza tieghu f'Birkirkara fejn go gwardarobba fil-kamra tas-sodda go but ta' glekk kien hemm borza b'ammont ta' pilloli. Jghid li l-imputat tah din il-borza hu stess waqt it-tfitxxija. Spjega li minn tfittxija li ghamel fuq gallarija, sab *ashtray* mimlija *roaches* li gew elevati.

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Marzu 2012, xehed **PS 1220 Chris Baldacchino** (*a fol.* 74 *et seq.*) fejn spjega li fit-18 ta' Frar 2012 l-iSpettur Sant kien tahom struzzjonijiet biex imorru Birkirkara sabiex issir osservazzjoni fuq l-imputat ghax kienet dahlet informazzjoni li seta' kien qed jittraffika d-droga. Jixhed li ghall-habta tas-1.00pm osservaw lill-imputat diehel fil-klabb tal-futbol ta' Birkirkara. Jghid li hu flimkien ma' PC 857 u PS 635 dahlu u waqfu lill-imputat u x'hin waqqfuh, l-imputat rema' borza mal-art li kien fiha xi pilloli. Jghid li minn tfittxija li saret fuq il-persuna tal-imputat, gie elevat *mobile* Nokia u bicca rezina suspettata *cannabis*. Jghid li mill-vettura Peugeot 306 tal-imputat gew elevati zewg sim cards u suspett ta' *joint*. Jghid li meta l-imputat gie mistoqsi jghid jekk fil-flat kellux xi haga illegali, l-imputat minn jeddu qalilhom li kellu aktar pilloli

*ecstasy*. Jixhed li l-imputat uriehom fejn kienet gakketta u gol-but giet elevata borza li kien fiha madwar mitejn u seba' (207) pillola *ecstasy*.

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Marzu 2012, xehdet ukoll **Natasha Farrugia** (*a fol.* 76 *et seq.*) fejn ghazlet li tixhed minkejja li giet infurmata li kellha dritt la ma tixhidx. Tghid li fis-17 ta' Frar 2012 kienet sejra Ghawdex, giet imwaqqfa fejn il-vapur fic-Cirkewwa, u saritilha tfittxija fil-vettura taghha u fl-affarijiet taghha fejn fuqha sabulha madwar hamsin (50)/sebghin (70) pillola *ecstasy*. Tghid li lill-Ufficjal Prosekutur kienet qaltlu li dawn kienet gabithom minn ghand l-imputat peress li kienet iltaqghet mieghu qabel u xtrathom minn ghandu. Tispjega li l-Gimgha 17 ta' Frar 2012 ghal xi d-9.30am marret ghand l-imputat f'Birkirkara u xtrat il-pilloli minn ghandu. Tghid li dawn il-pilloli xtrathom ghaliha u ghal grupp ta' hbieb peress li kienu sejrin party tal-Karnival f'Ghawdex u kienu ser jehduhom. Tghid li din ma kinitx l-ewwel darba li xtrat droga pero xtrat xi tliet jew erba' darbiet ohra u dejjem xtrat minn ghand l-imputat. Tghid li kienet xtrat madwar ghoxrin (20) pillola *ecstasy*. Tghid li dejjem pilloli *ecstasy* xtrat. Mistoqsija tghid ghala xtrat dawn il-pilloli minn ghand l-imputat, tghid li hija kienet taf lilu bhala persuna li jbiegh id-droga ghax kienet giet imlaqqa' mieghu u tghid li saret taf li l-imputat ibiegh id-droga madwar tliet (3) xhur qabel jew naqra aktar. Tghid li lill-imputat saret tafu f'Birkirkara, u wara li staqsietu ghall-pilloli, xtrat il-pilloli minn ghandu. Tghid li l-pilloli xtrathom erba' Euro il-wahda. Mistoqsija tghid kif kienet tiftiehem mal-imputat, tghid li kienet tibghatlu messagg u tistaqsih kif inhu u wara li jwegibha kienet tghidlu li riedet l-ammont li riedet ta' pilloli *ecstasy* u jekk setghux jiltaqghu l-ghada, f'liema hin u fejn, imbaghad l-imputat kien jghidilha fejn, hi tghidlu u jiltaqghu. Tghid li kienu miftehmin li jaghmlu hekk. Tghid li fuq il-*mobile* ma kinitx tikteb il-kelma *ecstasy* u li ma kinitx tikteb car. Tghid li kienet issemmi n-numru li riedet biss. Tghid: *"Nghidlu nistghu niltaqghu ghada hemm hekk iggiebli number twenty (20)"* (*a fol.* 81). Tghid li mbaghad kienet tmur tiltaqa' mieghu u darba ftehmu quddiem McDonald's Birkirkara, xi darbtejn fejn id-dar, u darba fejn l-ispizerija ta' Birkirkara fejn il-Mithna. Tghid li fl-ahhar erba' xhur xtrat erba' darbiet minn ghand l-imputat. Tghid li kienet tibghat

messaggi lill-imputat min-numru taghha 77190679 u li n-numru tal-imputat fuq il-*mobile* taghha kien imnizzel bhala 'Lolita'. Tispjega li meta kienet arrestata giet mitluba tghid minn fejn kienet gabet id-droga u baghtet messagg lill-imputat fejn qaltlu li riedet hamsin (50) pillola *ecstasy* ohra u ftehmu li jiltaqghu hdejn l-ispizerija ta' Birkirkara. Tghid li hi ma marrietx ghax kienet arrestata pero marru l-Pulizija. Tghid li l-messaggi baghtithom fil-hin li kienet mas-Supretendent Ciappara u l-ewwel wiehed baghtitu fil-10.45am tas-Sibt 18 ta' Frar. Tghid li kien l-imputat li kien ta n-numru tieghu. Tikkonferma li ghal dawn l-ahhar xhur kienu jikkomunikaw bil-messaggi minhabba l-*ecstasy*. Gharfet lil Otis Cassar prezenti fl-awla.

Illi, fis-seduta tas-17 ta' April 2012, xehed ix-**Xjenzat Godwin Sammut** (*a fol.* 159 *et seq.*) fejn ipprezenta r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "GS" (*a fol.* 161). F'dan ir-rapport huwa wasal ghas-segwenti konkluzjonijiet:

> *a. "Illi fl-estratti mehuda mill-pilloli li gew analizzati li hemm fid-dokument 048_12_01 u 048_12_02 instabet is-sustanza **3,4-Methylenedioxymethamphetamine (MDMA)**. In-numru total ta' pilloli kien ta' 257. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht it-Tielet Skeda Parti A tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta.*
>
> *b. Il-prezz tal-esctasy huwa ta' €10 kull pillola (ara Appendici I). In-numru ta' pilloli kien ta' 257 li jaghti valur ta' €2,570.*
>
> *c. Illi fl-estratt mehuda mis-sustanza ta' lewn kannella li hemm fid-dokument 048_12_03 instabet is-sustanza **Tetrahydrocannabinol** li hija sustanza li tigi mill-pjanta tal-Kannabis. Il-piz tas-sustanza kien ta' **2.48 grammi** u l-purita' kienet ta' cirka 6.0%. […] Ir-resin tal-Kannabis hija kkontrollata bil-Ligi taht Part III tal-Kapitolu 101;*
>
> *d. Il-prezz tal-Cannabis resin huwa ta' €17 kull gramma (ara Appendici I). Il-piz kien ta' 2.48g li jaghti valur ta' €42.16.*

*e. Illi fuq estratti mehuda mill-joint li hemm fid-dokument 048_12_04 u 048_12_05 instabet is-sustanza* ***<u>Tetrahydrocannabinol</u>*** *li hija sustanza li tigi mill-pjanta tal-Kannabis. In-numru total ta' joints kien ta' 21".*

**Ix-Xjenzat Godwin Sammut** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-28 ta' Frar 2013 (*a fol.* 258 *et seq.*) fejn iccara li konkluzjoni (c) fir-rapport tieghu (Dok. "GS" – *a fol.* 161) d-droga kellha taqra li hija *scheduled* taht il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u mhux taht il-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta kif erronjament indikat f'din il-konkluzjoni.

Illi, fis-seduta tas-17 ta' April 2012, xehed ukoll is-**Supretendent Norbert Ciappara** (*a fol.* 162 *et seq.*) fejn spjega li fis-17 ta' Frar 2012 kienet qed issir investigazzjoni fil-konfront ta' certa Natasha Farrugia li eventwalment giet imwaqqfa fl-inhawi tac-Cirkewwa u nstabet fil-pussess tal-pilloli *ecstasy*. Spjega li l-iSpettur Nikolai Sant infurmah li l-imsemmija Farrugia kienet lestha li taghmel *controlled delivery* fuq l-imputat li kien prokuralha l-pilloli li nstabu fuqha. Jghid li kellhom l-awtorizzazzjoni mill-Magistrat tal-Ghassa biex issir din il-*controlled delivery* u li Natasha Farrugia baghtet SMS lill-imputat fejn talbitu aktar pilloli minn dawk li kienet diga hadet fejn l-imputat irrisponda lura sakemm ghall-habta ta' 12.00pm l-ewwel intalbet tmur fl-inhawi tal-Mithna f'Birkirkara fejn hemm post vicin ir-residenza tieghu u mbaghad il-Pulizija nnutaw lill-imputat niezel l-isfel lejn ic-centru ta' Birkirkara u ftit wara Natasha rceviet messagg fuq il-*mobile* taghha biex tinzel lejn l-i*stage* fejn hemm il-McDonald's ta' Birkirkara. Jghid li huwa ta struzzjonijiet dwar dak li kellu jsir u ftit wara gie nfurmat li l-imputat gie mwaqqaf u kellu xi pilloli f'idejh li kien ramiehom. Jghid li gie nfurmat ukoll li waqt tfittxija li kienet qed issir fir-residenza tal-imputat, l-imputat ta lill-Pulizija xi *ecstasy* ohra li kellu d-dar.

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Gunju 2012, xehed **Dr. Martin Bajada** (*a fol.* 176 *et seq.*) fejn spjega li gie nominat fl-Inkjesta Magisterjali u li l-inkarigu tieghu kien gie estiz sabiex johrog il-kontenut tal-*mobile* u jikseb *call profile* tal-istess in partikolari ghan-numru li kien irrizulta mix-xiehda ta' Natasha Farrugia. Ezebixxa r-relazzjoni redatta

minnu li giet immarkata bhala Dok. "MB"[1] u l-*call profile* tal-Vodafone anness ma' Dok. "MB" liema *call profile* gie mmarkat bl-ittra "V". Jispjega li mill-*call profile* tal-Vodafone jirrizulta li wahda miz-zewg *sim cards* li kien moghti kienet irregistrata f'isem Ali Mustafa, Marsa Open Centre, u s-*sim card* l-ohra tal-Vodafone bil-MSISDM 99583299 kienet waqfet tintuza' fit-3 ta' Frar fejn fl-istess gurnata l-abbonat bidel u mar mal-GO, zamm l-istess MSISDM imma nghata *sim card* gdida. Spjega li fadal biss pendenti l-*call profile* tal-Melita.

**Dr. Martin Bajada** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2012 (*a fol.* 230) fejn ezebixxa r-relazzjoni tieghu bil-*call profiles* li giet immarkata bhala Dok. "MB" (*a fol.* 232 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Gunju 2012, xehdu wkoll **PS 404 Paul Camilleri u PC 1392 Kevin Buhagiar** (*a fol.* 178 *et seq.*) fejn ipprezentaw r-rapport taghhom flimkien ma' hamsa u erbghin (45) ritratt tal-Inkjesta li saret gewwa St. Joseph Flats, Flat 2, Triq Naxxar, Birkirkara fejn gew indikati minn PS 1220 xi affarijiet in konnessjoni mad-droga li gew elevati u mghoddija lill-esperti koncernati. Ir-rapport taghhom gie mmarkat bhala Dok. "PC" [2].

Illi, fis-seduta tal-31 ta' Awwissu 2012, xehdet **WPC 297 Rianne Spiteri** (*a fol.* 206 *et seq.*) fejn tat dettalji rigward l-arrest ta' Natasha Farrugia fi Frar 2012 fejn minn tfittxija li saret irrizulta li kellha ammont konsiderevoli ta' pilloli suspettati *ecstasy*.

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2012, xehed il-**Perit Valerio Schembri** (*a fol.* 217 *et seq.*) fejn spjega li kien gie nominat sabiex ikejjel id-distanza relattiva ghall-akkuza tal-mitt metru. Jghid li kkonkluda li hemm tlitt postijiet indikati lilu mill-Ufficjal Prosekutur li jaqghu fid-distanza tal-mitt metru. Ezebixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. "VS" (*a fol.* 219 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-4 ta' Dicembru 2012, xehed **Dr. John Seychell Navarro** (*a fol.* 244 *et seq.*) fejn ezebixxa r-relazzjoni rigwardanti l-assi

[1] *Envelope loose.*
[2] *Ibid.*

kollha tal-imputat, liema relazzjoni giet immarkata bhala Dok. "OC"[3]. Mistoqsi jekk il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni AAL 592 hijiex registrata fuq l-imputat, wiegeb fin-negattiv. Huwa kkonkluda s-segwenti:

***A. <u>Ricerka dwar flus, oggetti ta' valur, u affarijiet ohra simili</u>:***

***Entitajiet: Banek***

***1. HSBC Bank Malta plc***

*Kont ta' tfaddil bil-kont numru 016-229270-050 li fih bilanc ta' €0.02*

***B. <u>Awtoritajiet pubblici, dipartimenti tal-Gvern u nformazzjoni ohra relevanti ghall-kaz in ezami</u>:***

***I. ARMS***

*Otis Cassar ghandu kont registrat f'ismu li jinsab Blokk 2, Flat 7, Triq San Gwann, Valletta, u jirrizulta li jghix fl-istess indirizz.*

***II. Awtorita' tad-Djar***

*Otis Cassar ma ghandu l-ebda applikazzjoni pendenti, pero fil-5 ta' Marzu, 2008, Otis Cassar flimkien ma' martu Zhora Cassar u huh Clint Cassar kienu gew rikonoxxuti Blokk 2, Flat 7, Triq San Gwann, Valletta, li hija proprjeta' tal-Gvern bil-kera.*

***III. Dipartiment tas-Sigurta' Socjali***

*Otis Cassar qieghed jircievi l-beneficcju socjali ghal min ma jahdimx.*

***IV. Go plc***

*Otis Cassar ghandu kont ta' telekomunikazzjoni mas-socjeta' Go plc li fuqu hemm bilanc ta' €290.67.*

***V. Melita plc***

*Otis Cassar ghandu zewg kontijiet inattivi registrati fil-fond Flat 7, Triq San Gwann, Valletta, kont 585327 ghandu bilanc dovut*

[3] *Ibid.*

*ta' €1,049.30 u kont numru 876381 ghandu bilanc dovut ta' €326.08.*

***VI. Pulizija ta' Malta***

*Il-Pulizija ta' Malta nfurmat lil dan il-unit li nstabu xi drogi gewwa r-residenza St Joseph Flats, Flat 2, Naxxar Road, Birkirkara. Fil-Qorti Otis Cassar iddikkjara li qieghed jghix go numru 17, Sqaq San Pawl, Birkirkara. Qieghed jigi senjalat li Otis Cassar isuq Peugeot 306 ta' kulur abjad bin-numru tar-registrazzjoni AAL592.*

***VII. Taqsima proprjeta' tal-Gvern, Dipartiment tal-Artijiet***

*Otis Cassar huwa l-kerrej ta' Flat 7, Block 2, Triq San Gwann, Valletta (tent. 64118, file TR793/60/48);*

***VII. Ufficju tat-Taxxi Nterni***

| ***Sena ta' Stima*** | ***Dhul*** | ***Rimarki*** |
|---|---|---|
| *2003* | *Bla dhul* | |
| *2004* | *Bla dhul* | |
| *2005* | *Lm1060* | *Dhul tal-mara (mizzewga fit-18 ta' Frar, 2004)* |
| *2006* | *Lm4433* | *Dhul tal-mara* |
| *2007* | *Lm3916* | *Dhul tal-mara* |
| *2008* | *Lm4437* | *Dhul tal-mara* |
| *2009* | *€10772* | *Dhul tal-mara* |
| *2010* | *€11185* | *Dhul tal-mara* |
| *2011* | *€10880* | *Dhul tal-mara* |
| *2012* | *€8716* | *Dhul tal-mara* |

Illi, fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2014, xehdet **Vicky Scicluna** (*a fol.* 276 *et seq.*) in rapprezentanta tas-Sedqa fejn qalet li l-imputat huwa klijent taghhom u tispjega li kellu tfulija difficli hafna fl-Istituti. Tghid li huwa bniedem li ilu ghal madwar hamsa u ghoxrin (25) sena fit-triq tad-droga u tghid li huwa *hard user*. Tghid li ilu *clean* ghal dawn l-ahhar sentejn u li qed jigi segwit minnha, Dr. Grech, u Reuben Cassar. Tghid li llum huwa ragel tal-familja, ghandu zewgt itfal b'dizabilita' u tarbija *on the way*. Tghid li l-*partner* tal-imputat, li

m'ghandha x'taqsam xejn mal-hajja tad-droga, infurmatha li l-imputat huwa persuna stabbli u li huwa missier tajjeb. Jidhrilha li meta nqala' l-kaz odjern, l-imputat kien qed isib diffikulta' jahdem u kellu zewgt itfal qeghdin l-iSptar u kien qed iqatta' lejl u nhar l-iSptar mat-tfal. Tghid li llum l-imputat ghandu xoghol stabbli *full-time* u li jahdem ukoll *part-time*, liema xoghlijiet huma in regola u li huwa ddedikat totalment ghall-familja u jista' jigi ccertifikat li huwa hieles sew mid-droga u qed jintegra ruhu sew fis-socjeta'.

Illi, fis-seduta tad-29 ta' Mejju 2014, xehed **Dominic Borg** (*a fol.* 282 *et seq.*) fejn spjega li huwa sid tal-kumpanija bl-isem Vernon Foods u li ta cans lill-imputat jahdem mieghu minkejja li wara xi zmien kien gie nfurmat biex joqghodlu attent u biex ma jikkommettiex ruhu mieghu li kien qed jimpjegah. Jghid li ma ghandux dispjacir li ta dan ic-cans lill-imputat u li kien ilu mieghu il-fuq minn seba' (7) xhur. Jghid li ma ghandux x'igorr fuqu. Jghid li jafda lill-imputat tant li qed ihalli lill-imputat iqassam ix-xoghol fl-ammont ta' hamest'elef Euro (€5000) ta' xoghol kuljum. Jghid li ghalih l-imputat huwa bniedem tajjeb u affidabbli. Jghid li hass li ghandu jghin lill-imputat tant li ghazel hu stess li jigi jixhed f'dawn il-proceduri. Jghid li qatt ma kellu ilmenti mill-klijenti li jmur ghandhom l-imputat, anzi jghid li jhobbuh.

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Settembru 2014, xehed **Dr. George Grech** (*a fol.* 287 *et seq.*) fejn qal li ilu jaf lill-imputat ghal hafna snin, pratikament mill-adoloxxenza: kemm lilu, lil hutu u l-familja tieghu. Jghid li r-relazzjoni hija wahda terapewtika. Jghid li l-familja ghandhom storja kbira ta' *neglect* tant li jghid li l-hajja ma bdewiex minn *zero* pero bdewha minn *minus twenty* peress li kellhom il-problemi. Jghid li l-problema tal-*addiction* kienet kbira hafna, inkluz tal-imputat, u jispecifika li l-fazi tal-adoloxxenza tal-imputat kienet relatata hafna ma' kaos shih tant li l-imputat xellef subghajh mal-Gustizzja diversi drabi u ghamel hafna zmien il-habs. Jghid li ma baqghax isegwi lill-imputat meta kien il-habs pero jghid li s-*social worker* kien jaghtih *feedback*. Jghid li l-*addiction* tal-imputat kienet l-aktar fuq l-eroina u li l-imputat ma kienx *casual user* pero ta' eta' relattivament zghira kien jehodha kuljum u b'hekk il-konsegwenzi kienu ha jkunu hafna aktar aghar. Jghid li dan l-ahhar kien hemm

tibdila kbira tant li l-imputat beda relazzjoni ma' *partner*, ghandhom tlitt itfal, ikkoopera hafna mat-*treatment*, beda jaghti l-awrina u huwa *clean*, jattendi kuljum il-*methadone*, u beda jahdem. Jghid li l-imputat qatt ma kellu xoghol stabbli u li issa hemm stabbilita' fil-hajja tieghu. Jghid li beda jnizzel il-mistura, haga li qatt ma kien irnexxielu jaghmel. Jghid li l-pjan huwa li eventwalment jaqta' l-mistura. Jispjega li l-imputat qieghed jaghti l-awrina *clean*, baqa' jahdem, integra sew mal-familja u li huma kuntenti bil-progress tieghu u li kienu ser jibqghu jissaportjawh. Mistoqsi mill-Qorti kemm ilu juri din il-pozitivita' l-imputat, wiegeb ghal dawn l-ahhar sentejn.

**Dr. George Grech** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tad-19 ta' Jannar 2017 (*a fol.* 326 *et seq.*) fejn spjega li huwa Direttur Kliniku tal-Agenzija Sedqa u tad-Detox. Jghid li ilu l-fuq minn ghoxrin sena jaf lill-imputat fejn ta l-istess dettalji li xehed fuqhom fis-seduta tal-24 ta' Settembru 2014. Zied jghid li l-imputat kellu problema ta' dipendenza ta' droga u anke ta' alkohol. Jghid li l-imputat kien intbaghat il-habs fuq kazijiet li l-maggjor parti taghhom huma relatati mal-abbuz ta' sustanzi. Jghid li l-imputat kellu *an uphill struggle* u jghid li kellu hajja difficili hafna. Jixhed li l-imputat jipprova mill-ahjar li jista' li jinvolvi lilu nniffsu fir-rigward tat-tfal tieghu. Jghid li l-imputat qed jahdem u li ma ghandux xoghol facli ghax igorr l-ixkejjer tad-dqiq. Jghid li jara tibdila kbira fl-imputat u minkejja li qabel l-imputat ma setghax jirraguna, issa jirraguna u jifhem li ma jistax ikompli dik it-tip ta' hajja li kien jghaddi qabel. Jghid li l-imputat qed jaghmel minn kollox u dejjem mar ghall-appuntamenti u li dejjem isegwi l-pariri taghhom u jikkoopera.

Illi, fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2014, xehdet **Alicia Kilmont** (*a fol.* 293 *et seq.*) fejn qalet li ghandha tlitt itfal mill-imputat. Tghid li t-tifel il-kbir kienu tawh zewg *fits* pero ma jaqax taht *epilepsy* pero jiehu hafna misturi. Spjegat minn xiex ikollu jghaddi ta' kuljum dan it-tifel. Tixhed li t-tifla twieldet ta' seba' u ghoxrin gimgha u ghandha hafna problemi, fosthom li damet tlitt xhur l-isptar, u kienu jghidulha li mhux ser tghix u li mhux ha titkellem. Tghid li bis-sahha tal-imputat din it-tifla tpacpac hafna u li l-imputat baqa' jiggieled sakemm it-tifla tkellmet u mxiet u issa taghmel kollox.

Tghid li l-imputat kien ikun dejjem l-isptar mat-tifla peress li ma kienx jista' jsib xoghol u meta sab kienu jaghtuh bit-two Euros fis-siegha u kienu ftehmu li hu jibqa' l-isptar u tahdem hi. Tghid li l-imputat kien ikun dejjem mat-tfal u li l-imputat tilef l-ommu ta' erbatax-il sena u missieru ma kienx jaghti kazhom u li l-imputat beda jisraq biex jitma lil hutu z-zghar. Tghid li hi gie li marret ghal sessjonijiet ta' terapija u li l-imputat kien jipprova jaghmel xi haga tajba lil xi hadd iehor. Fir-rigward tal-kaz odjern, tghid li f'dak iz-zmien kellhom iz-zewgt itfal l-isptar u l-pilloli li kienu jaghtuhom, specjalment lit-tifla, ma kienx jaghtihomlhom il-Gvern u kellhom jonfqu flus biex jixtru dawn il-pilloli u li hi kienet tahem tlitt xoghlijiet u gie li anqas rat it-tfal, u li l-imputat kien joqghod l-isptar. Tghid li l-imputat kellu l-istress tal-mard tat-tfal, l-istress tal-flus li qatt ma jservu ghax riedu jixtru l-pilloli u jghixu bil-kera. Tghid li b'dak li kien tghid lill-imputat kienet titfghu lura. Tixhed li marru ghal terapija u li l-mistura kellha tinqata' ghal kollox wara erbgha u ghoxrin sena. Tghid li l-imputat inbidel tant li llum il-gurnata jahdem zewg xoghlijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi, fl-<u>ewwel stqarrija</u> (*a fol.* 7 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat lill-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Nikolai Sant, liema stqarrija giet rilaxxata fid-19 ta' Frar 2012 wara li l-imputat nghata d-dritt li jikkonsulta ruhu ma' avukat ta' fiducja tieghu u huwa rrinunzja ghal dan id-dritt (Dok. "NS" – *a fol.* 51), l-imputat ghazel li ma jwegibx ghad-domandi kollha sarulu.

Illi, fit-<u>tieni stqarrija</u> (*a fol.* 13 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat lill-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Nikolai Sant, liema stqarrija giet rilaxxata fl-20 ta' Frar 2012, l-imputat ikkonferma li l-*ecstasy* li nstabet fuqu u fir-residenza tieghu kienet taghthomlu Natasha Farrugia sabiex izommhomlha. Jaqbel li Natasha Farrugia kienet marret ghandu l-Gimgha 17 ta' Frar 2012 ghall-habta ta' xi 18.30hrs. Ikkonferma wkoll li hu zamm dawn il-pilloli *ecstasy* sabiex hi taghtih xi hamsin Euro (€50.00) ghal dan il-pjacir. Jghid li kien iltaqa' ma' Natasha Farrugia madwar tmien darbiet f'xi hanut iz-Zurrieq. Jahseb li dan il-hanut jismu 'Logos'. Jghid li lil Natasha

Farrugia ilu jafha madwar sitt xhur. Jghid li l-pilloli *ecstasy* li nstabu fuqu kien ser jaghtihom lil Natasha. Mistoqsi dwar il-mitejn u seba' (207) pilloli li nstabu fid-dar tieghu, jghid li anke dawk huma ta' Natasha Farrugia u li kienu ghandu biex izommhomlha.

**Ikkunsidrat**
**Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta**

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit"*.

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li *"dubju jkun dak dettat mir-raguni"*.

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz

**Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni *"proof beyond a reasonable doubt"*.

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat jinsab akkuzat b'diversi imputazzjonijiet relatati mad-droga. L-imputat gie wkoll akkuzat li kiser ordni ta' *probation* u li sar recidiv

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Traffikar)</u>:**
Illi taht l-ewwel (1) imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat bi traffikar ta' pilloli *ecstasy*. Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Awwissu 1998, fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. Marvin Cachia**, fejn l-imsemmija Qorti rriteniet is-segwenti dwar traffikar:

> "Il-Qorti tosserva qabel xejn li meta wiehed ikollu d-droga (f'dan il-kaz raza tal-*cannabis*) u jew jaqsamha ma' haddiehor (anke jekk mhux ghall-flus jew xi korrispettiv iehor) jew jippermetti lil haddiehor li juza minnha, ikun hemm traffikar skond il-ligi. Anke jekk wiehed ihalli d-droga f'post accessibbli ghal terzi u fejn jaf li x'aktarx ser tittiehed minn haddiehor, u din effettivament hekk tittiehed, ikun hemm traffikar".

Illi, fir-rigward tal-kaz odjern, il-Qorti tinnota s-segwenti:

- Fir-rapport tieghu Dok. "GS" (*a fol.* 161), specifikament f'konkluzjoni mmarkata bl-ittra (a) (*a fol.* 6 ta' Dok. "GS"), ix-

Xjenzat Godwin Sammut jikkonkludi li fl-estratti mehuda mill-pilloli li gew analizzati minnu nstabet is-sustanza *Methylenedioxymethamphetamine* (MDMA). Huwa jispecifika li in-numru totali ta' pilloli kien dak ta' mitejn u sebgha u hamsin (257).

- Meta l-imputat gie imwaqqaf waqt li kienet qed issir il-*controlled delivery*, hu gie nnutat jarmi borza b'kontenut ta' pilloli. Dan xehduh b'mod konsistenti PS 635 Alan Calleja, PS 857 John Laferla, u PS 1220 Chris Baldacchino.

- Fir-residenza tal-imputat f'Birkirkara nstabu mitejn u seba' (207) pilloli. Dawn il-pilloli gew indikati mill-imputat inniffsu.

- Natasha Farrugia tixhed li kienet xtrat il-pilloli *ecstasy* misjuba fuqha (madwar hamsin (50)/sebghin (70)) minn ghand l-imputat. Hija spjegat li ma kinitx l-ewwel darba li xtrat l-pilloli *ecstasy* minn ghand l-imputat tant li tghid li fl-ahhar erba' xhur xtrat minn ghand l-imputat erba' darbiet.

- Mir-rapport Dok. "MB"[4] ipprezentat minn Dr. Martin Bajada (*a fol.* 176 *et seq.*) jirrizulta li kienu saru diversi kuntatti fis-6 ta' Jannar bejn Natasha Farrugia (bin-numru 77190679) u l-imputat (99583299). Dan jirrizulta b'mod car minn pagna 6 tal-imsemmi rapport. Ghandu jinghad li n-numru ta' Natasha Farrugia kien registrat bl-isem "Dik" fuq il-*mobile* tal-imputat. Il-Qorti tinnota li f'pagna 8 tar-rapport imsemmi jirrizultaw il-messaggi li gew skambjati bejn Natasha Farrugia u l-imputat waqt l-operazzjoni tal-*controlled delivery.*

- Fit-tieni stqarrija rilaxxata minnu l-imputat innega li l-pilloli *ecstasy* misjuba kienu tieghu. Hu jishaq li dawk kienu ta' Natasha Farrugia u li hu kien qed izommhomlha.

Illi l-Qorti tinnota li kollox jiddependi fuq il-kwistjoni tal-kredibilita' li ghandha tinghata lix-xhud ewlenija tal-Prosekuzzjoni ossia Natasha Farrugia, li hija kategorika meta tghid li hija kienet

[4] *Envelope loose.*

xtrat il-pilloli *ecstasy* minghand l-imputat. Skond l-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, f'kull kaz, ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar. L-Artikolu 637 imbaghad jiddisponi illi f'kwistjonijiet li jolqtu l-kredibilita' ta' xhud, ghandu jittiehed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa, jekk hix konsistenti u ta' fattizzi ohra tax-xhieda tieghu, jekk dik ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Gie imbaghad ritenut illi mhux kull kunflitt fil-provi jwassal necessarjament ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata, imma l-Gudikant irid jara lil min ser jemmen u f'hiex ser jemmnu u ma jemmnux, tenut kont tal-kriterji kontenuti fl-Artikolu 637 appena imsemmija (Qorti tal-Appell Kriminali, **Il-Pulizija vs. Joseph Thorne**, deciza fid-9 ta' Lulju 2003).

Illi minkejja l-fatt li din il-Qorti kif preseduta ma ghexetx il-process kollu gudizzjarju prezenti kontra l-imputat u dana peress li l-kawza odjerna giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta f'Gunju 2015 u minkejja l-fatt li Natasha Farrugia xehdet quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta, il-Qorti tinnota, minghajr tlaqlieq ta' xejn, li d-depozizzjoni moghtija minn Natasha Farrugia hija wahda kredibbli. Hija kienet konsistenti f'dak li kienet qed tghid u jirrizulta li kienet cara f'dak li kienet qed tghid. Il-Qorti ma ghandhiex ghalfejn tiddubita minn dak li qalet Natasha Farrugia fid-depozizzjoni taghha u dana meta hija tispjega x'kienet taghmel u x'kien isir meta hija riedet tixtri l-pilloli *ecstasy* minn ghand l-imputat. Il-kuntatt li tghid li kien ikun hemm bejnha u bejn l-imputat gie pruvat kif inghad hawn fuq. Mhux l-istess jista' jinghad ghall-imputat li minkejja li nnega li huwa kien qed jittraffika xi droga u minkejja li huwa qal li kienet Natasha Farrugia stess li kienet tatu l-pilloli *ecstasy*, jirrizulta, fost l-ohrajn, li fit-tieni stqarrija rilaxxata mill-imputat, l-imputat kien qal li Natasha Farrugia kienet marret ghandu fil-gurnata tal-Gimgha ghall-habta tas-6.30pm. Dan ma setghax ikun minnu *stante* li jirrizulta li f'dan il-hin u f'din il-gurnata Natasha Farrugia kienet arrestata fil-*lock up* tal-Pulizija. Dan qieghed jinghad apparti l-fatt li l-Qorti ma tqiesx li hija

kredibbli xejn dak li l-imputat jghid u cioé li huwa kien qed izomm il-pilloli *ecstasy* li jghid li kienu ta' Natasha Farrugia. Ghaldaqstant, il-Qorti tiddikjara l-verzjoni moghtija minn Natasha Farrugia bhala wahda kredibbli.

Illi jsegwi ghalhekk li l-Prosekuzzjoni ppruvat sodisfacentement u lil hinn minn kull dubju ragjonevoli l-ewwel imputazzjoni (1) migjuba kontra l-imputat u b'hekk l-imputat ser jigi misjub hati tal-imsemmija imputazzjoni.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Pussess Aggravat)</u>:**

Illi taht it-tieni (2) imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat b'pussess aggravat. Il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Marius Magri** deciza fit-12 ta' Mejju 2005, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kinitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-Prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, *ossia* cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed. (Ara App. Krim. **Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio** [26.8.1998]). Meta l-ammont tad-droga jkun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. (Ara Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri** [2.9.1999].)
>
> Illi pero` kif gie ritenut minn din il-Qorti, kif preseduta, kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-Gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-

ahhar, hija wahda li jrid jaghmilha l-Gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi *hard and fast rule* x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assiem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-Gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-Gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzjoni possibbli. (App. Krim. **Il-Pulizija vs. Brian Caruana** [23.5.2002])".

Illi fis-sentenza taghha tat-18 ta' Awwissu 2005, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Stephen Abela**, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet hekk:

> "Li stabbilit li kull kaz irid ikun studjat ghalih, kif ukoll li ndizju wiehed hu bizzejjed biex il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-pussess ikun wiehed aggravat, il-Qorti pero` trid tkun sodisfatta mill-provi migjuba li dawn iwasslu ghal din il-konkluzjoni. Meta l-ammont ma jkunx wiehed li normalment jassocja ma' uzu esklussiv da parti tal-possessur, ikun jispetta lill-imputat, imqar fuq bazi ta' probabbilta`, li jipprova li dak kien ghall-uzu esklussiv tieghu w dan bl-applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101".

Illi, a skans ta' ripetizzjoni, il-Qorti taghmel riferenza ghall-konsiderazzjonijiet li saru fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni u dana specjalment meta issir riferenza ghall-fatt li l-Qorti tqis li l-verzjoni moghtija minn Natasha Farrugia bhala wahda kredibbli. Apparti l-borza b'kontenut ta' pilloli li l-imputat gie nnutat jarmi meta kienet qed issir il-*controlled delivery*, jirrizulta mill-atti processwali li fir-residenza tal-imputat f'Birkirkara nstabu mitejn u seba' (207) pilloli, liema pilloli gew indikati mill-imputat inniffsu. Apparti l-gurisprudenza li saret riferenza ghaliha hawn fuq, il-Qorti taghmel riferenza ghad-decizjoni moghtija fit-2 ta' Settembru 1999 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jason Mallia**, fejn il-Qorti tal-Appell qalet hekk:

> "Jekk tigi ppruvata, mic-cirkostanzi, tali intenzjoni [l-*animus* li jispacca d-droga] allura certament dak il-pussess ma jkunx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur. Izda tali intenzjoni mhix mehtiega ghall-finijiet tal-aggravanti in kwistjoni. Dak li l-ligi tirrikjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali *"li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati"*. Fi kliem iehor, jekk persuna jkollha pussess ta' droga li mhix bi hsiebha tuza, tali pussess ikun jammonta ghal pussess mhux ghall-uzu esklussiv tal-pussessur, anke jekk il-pussessur ikun ghadu ma ddecidiex kif bi hsiebu jiddisponi altrimenti minn dik id-droga. Bil-kelma "uzu" il-legislatur ried ifisser "konsum", u cioé li l-pussessur juza huwa stess dik id-droga *ossia* jabbuza minnha billi jikkonsmha. Ghalhekk, persuna li ma jkollhiex il-hsieb li tuza d-droga izda li zzomm dik id-droga ghandha minghajr raguni valida skond il-ligi biex eventwalment tara x'taghmel biha, ikollha mhux biss pussess ta' dik id-droga, izda dak il-pussess ma jkunx jista' jinghad li hu ghall-uzu esklussiv taghha".

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Mifsud**, deciza fis-27 ta' Ottubru 2010, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Dwar il-pussess aggravat tajjeb hawn li ssir referenza ghal dak li qalet din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Mohammed Ben Hassen Trabelsi** tas-17 ta' Frar 1997 dwar kif il-kwistjoni ta' jekk ammont ta' droga jkunx ghall-uzu esklussiv ta' l-imputat *o meno* ghandha tigi ezaminata: *"l-ewwel nett wiehed ghandu jara jekk l-ammont ta' droga huwiex ammont li normalment wiehed jassocja ma' uzu personali, u sa hawn il-piz tal-prova (u cioe` l-prova tal-ammont u tal-pussess) qieghed fuq il-Prosekuzzjoni; jekk, pero`, dak l-ammont ikun tali li normalment wiehed ma jassocjahx mal-uzu eskluzziv da parti tal-pussessur, ikun jispetta lill-imputat li jipprova, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, li dak l-ammont kien ghall-uzu eskluzziv tieghu, u dan b'applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101""*.

Illi, in segwitu ta' dak li nghad hawn fuq u mehud in konsiderazzjoni tal-ammont ta' pilloli *ecstasy* in kwistjoni, il-Qorti ma ghandu jkollha l-ebda dubju li t-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi misjub hati taghha wkoll.

**<u>It-Tielet (3) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Aggravju tal-Mitt Metru)</u>:**

Illi l-Qorti tibda billi tinnota li minkejja li t-tielet (3) imputazzjoni taghmel riferenza ghal Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, riferenza kellha ssir ghal Artikolu 120A(2) tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti ser tikkunsidra dan l-izball bhala *lapsus calami* u dana *stante* li l-imputat kien jaf biex kien qed jigi akkuzat bih taht din l-imputazzjoni. Kienet tkun kwistjoni ohra li kieku l-Avukat Generali ndika l-Artikoli tal-Ligi hziena fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju.

Illi l-Qorti taghmel riferenza kemm ghad-depozizzjoni moghtija mill-Perit Valerio Schembri (*a fol.* 217 *et seq.*) u kif ukoll ghar-rapport redatt minnu (Dok. "VS" – *a fol.* 219 *et seq.*). Fir-rapport tieghu, il-Perit Schembri jikkonkludi s-segwenti: *"Mill-fatti kollha li gew a konjizzjoni tieghu u mill-kostatazzjonijiet li l-Perit Tekniku ghamel fuq il-post in kwistjoni, jidher li l-Club tal-Football ta' Birkirkara, l-istabbiliment McDonalds, il-Kazin tal-Banda Duke of Connaught's Own Band u l-Kazin tal-Partit Nazzjonalista gewwa Triq il-Wied, Birkirkara, jaqghu fid-distanza ta' mitt metru (100.00m) mill-post indikat lil l-esponent minn PS 1220 u PC 857"* (*a fol.* 223).

Mehud dak li ghadu kemm inghad in konsiderazzjoni jirrizulta li t-tielet (3) imputazzjoni *ossia* aggravju gie ppruvat.

**<u>Ir-Raba' (4) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Pussess tar-Raza Mehuda mill-Pjanta *Cannabis*)</u>:**

Illi mill-atti processwali jirrizulta s-segwenti:

- L-iSpettur Nikolai Sant jghid li minn tfittxija li saret fil-vettura Peugeot 306 bin-numru ta' registrazzjoni AAL 592 nstabu, fost l-ohrajn, ir-raza tal-*cannabis*.

- PS 635 Alan Calleja jghid li minn tfittxija li saret fil-vettura tal-imputat kien instab, fost l-ohrajn, *joint* b'suspett li kellu xi *cannabis* go fih.

- PS 857 John Laferla jixhed li minn tfittxija li saret fuq l-imputat instabet bicca blokka kannella fil-but tal-*jeans*. Jixhed li minn tfittxija li saret fil-vettura Peugeot nstabet *joint.* Jghid aktar tard gol-veranda tad-dar instabu hafna sigaretti bir-*roaches* fuqhom.

- PC 923 Pierre Guido Saliba spjega li minn tfittxija li ghamel fuq gallarija sab *ashtray* mimlija *roaches* li gew elevati.

- Da parte tieghu, PS 1220 Chris Baldacchino jghid li minn tfittxija li saret fuq il-persuna tal-imputat, gie elevat *mobile* Nokia u bicca rezina suspettata *cannabis*. Jghid li mill-vettura Peugeot 306 tal-imputat gie elevat, fost l-ohrajn, suspett ta' *joint*.

Illi fir-rapport Dok. "GS" (*a fol.* 161), specifikament f'konkluzjonijiet mmarkati bl-ittra (c) u (e) (*a fol.* 6 u 7 ta' Dok. "GS"), ix-Xjenzat Godwin Sammut, jikkonkludi s-segwenti:

> (c) "Illi fl-estratt mehuda mis-sustanza ta' lewn kannella li hemm fid-dokument 048_12_03 instabet is-sustanza ***Tetrahydrocannabinol*** li hija sustanza li tigi mill-pjanta tal-Kannabis. Il-piz tas-sustanza kien ta' **2.48 grammi** u l-purita' kienet ta' circa 6.0%. […] Ir-resin tal-Kannabis hija kkontrollata bil-Ligi taht Part III tal-Kapitolu 101;
>
> (e) Illi fuq estratti mehuda mill-*joints* li hemm fid-dokument 048_12_04 u 048_12_05 instabet is-sustanza ***Tetrahydrocannabinol*** li hija sustanza li tigi mill-pjanta tal-Kannabis. In-numru total ta' joints kien ta' 21".

Illi, tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti ma ghandu jkollha l-ebda dubju li anke r-raba' (4) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghha wkoll.

**<u>Il-Hames (5) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Ksur ta' Ordni ta' *Probation*)</u>:**
Illi taht din l-imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li kkommetta reat waqt ordni ta' *probation*. L-imputazzjoni taghmel riferenza ghal-sentenza moghtija mill-Magistrat J. Apap Bologna fit-23 ta' Ottubru 2009. Il-Qorti tinnota li fl-atti processwali jirrizultaw is-segwenti:

- vera kopja ta' sentenza moghtija fit-23 ta' Ottubru 2009 kontra Otis Cassar immarkata bhala Dok. "NS" (*a fol.* 213A *et seq.*);
- vera kopja ta' Ordni ta' *Probation*[5] li tinsab *a fol.* 267 u 268.

Illi l-Qorti tinnota li s-sentenza mmarkata bhala Dok. "NS" (*a fol.* 213A *et seq.*) ma tikkontjeniex il-konnotati tal-persuna kontra min inghatat. Jirrizulta biss l-isem ta' din il-persuna, u cioé Otis Cassar. Apparti minn dan, is-sentenza tordna l-hrug ta' Ordni ta' *Probation* annessa mas-sentenza minghajr mas-sentenza tghid kemm huwa t-tul tal-Ordni ta' *Probation*. Il-Qorti tinnota wkoll li mill-vera kopja tal-Ordni ta' *Probation* li tinsab *a fol.* 267 u 268 jirrizulta li isem kontra min inghatat huwa Otis Cassar u li l-Karta tal-Identita' ta' dan il-persuna hija identika ghal dak tal-imputat fil-kawza odjerna. Apparti minn dan, l-indirizz tal-persuna imsemmija f'din l-Ordni mhuwiex l-istess indirizz bhal dak tal-imputat fl-imputazzjonijiet odjerni (*a fol.* 1) jew f'dak moghti minnu meta sar l-ezami tieghu (*a fol.* 6).

Illi huwa minnu li l-isem u l-kunjom flimkien ta' l-individwu "Otis Cassar" mhumiex komuni, pero tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, il-Qorti ma ghandhiex is-serhan tal-mohh li s-sentenza moghtija fit-23 ta' Ottubru 2009 giet effettivament moghtija kontra l-imputat fil-kawza odjerna. Huwa minnu li l-Ordni ta' *Probation* iggib l-istess data tas-sentenza, huwa minnu wkoll li l-Ordni ta' *Probation* iggib l-istess isem tal-Magistrat li ta s-sentenza, huwa minnu wkoll li n-numru tal-Karta tal-Identita' tal-persuna kontra min giet moghtija l-Ordni ta' *Probation* huwa identiku ghal dak tal-imputat fil-kawza odjerna, huwa minnu wkoll li l-Ufficjal Prosekutur fis-sentenza tat-23 ta' Ottubru 2009 u fl-Ordni ta'

[5] Il-Qorti ser tinjora s-semplici fotokopja ta' Ordni ta' *Probation* immarkata bhala Dok. "NS" (*a fol.* 252 *et seq.*).

*Probation* kien l-istess, pero jista' jaghti l-kaz li fl-istess gurnata l-persuna imsemmija setgha kellha aktar minn kawza wahda quddiem l-istess Magistrat u kien akkuzat mill-istess Ufficjal Prosekutur!

Illi l-Qorti tinnota li kien ikun ferm ahjar li kieku s-sentenza tat-23 ta' Ottubru 2009 giet prezentata flimkien mal-Ordni ta' *Probation* relattiva fl-istess seduta u li saret identifikazzjoni mill-Ufficjal Prosekutur fil-kawza imsemmija sabiex jidentifika jekk l-imputat fil-kawza odjerna huwiex l-istess persuna kontra min inghatat l-imsemmija sentenza u dana sabiex jigi evitat id-dubju ravvizat fil-paragrafu precedenti. Tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti tinnota li l-hames (5) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat ma gietx sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi liberat minnha.

**Is-Sitt (6) Imputazzjoni**
**(Recidiv)**:
Illi taht is-sitt (6) imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li sar recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fit-28 ta' Lulju 2010. Din l-imputazzjoni ma taghmilx riferenza ghas-sentenza li ssir riferenza ghaliha fil-hames (5) imputazzjoni. Il-Qorti tinnota li vera kopja tas-sentenza li ssir riferenza ghaliha fis-sitt (6) imputazzjoni giet ezebita u mmarkata bhala Dok. "NS" (*a fol.* 185A *et seq.*) fejn l-imputat Otis Cassar gie kkunndannat tlitt (3) xhur prigunerija. Minkejja li l-Ufficjal Prosekutur f'din is-sentenza msemmija ma identifikax lill-imputat fil-kawza odjerna, pero jirrizulta li n-numru tal-Karta tal-Identita' tal-persuna kontra min inghatat is-sentenza in kwistjoni huwa l-istess bhal dak tal-imputat fil-kawza odjerna. Apparti dan, huma identici wkoll il-konnotati l-ohra kollha ghajr ghall-post tat-twelid u tar-residenza. B'hekk il-Qorti ma ghandha jkollha l-ebda dubju li l-persuna kontra min inghatat is-sentenza li ssir riferenza ghaliha fis-sitt (6) imputazzjoni hija l-istess persuna *ossia* l-imputat fil-kawza odjerna.

Illi l-Qorti tinnota fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha, id-difiza targumenta s-segwenti: *"Illi l-Prosekuzzjoni ma ressqet ebda prova li Otis Cassar gie kkundannat ghar-reat b'sentenza mill-Qorti ta' Malta preseduta mill-Magistrat Dr. L. Quintano LLD moghtija fit-28 ta' Lulju*

*2010"* (*a fol.* 339). Dan huwa assolutament mhux minnu. Il-Qorti mhijiex ser taghmel l-ebda kumment iehor dwar dan pero ssostni li r-riferenzi ghall-atti processwali ghandhom ikunu dejjem korretti u mhux b'mod li jistghu jizvijaw lill-Qorti ossia l-kors tal-gustizzja.

Illi, minkejja dak kollu li nghad hawn fuq, il-Qorti tinnota li fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju (*a fol.* 264), l-Avukat Generali naqas milli jaghmel riferenza ghall-artikoli tal-ligi li jirrigwardaw r-recidiva liema artikoli jemergu minn Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Qorti hija marbuta bid-disposizzjonijiet tal-ligi ndikati fin-Nota ta' Rinviju u ma tistax issib htija taht xi disposizzjoni tal-ligi li ma tigix hemmhekk indikata. Dan gie ritenut, fost l-ohrajn, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Grima**, deciza fit-2 ta' Frar 2012 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Id-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Geoffrey Montebello et** moghtija fid-19 ta' April 2013 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali rriteniet ukoll li l-Qorti kienet prekluza milli ssib htija taht Artikolu partikolari tal-ligi ghaliex dan l-Artikolu ma giex indikat mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. *Omissis*** (Appell Numru 39/17) deciza fis-26 ta' Ottubru 2017, il-Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill-Imhallef Edwina Grima sahqet is-segwenti:

> "Issa meta *"ir-rinviju ghall-gudizzju jsir skond is-subartikolu (3) tal-Artikolu 370 (u allura wiehed qed jitkellem fuq ghall-anqas reat wiehed, fost dawk imputati, li huwa ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali), in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tassumi rwol simili ghal dak ta' l-Att ta' Akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. Fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju skond l-Artikolu 370(3) ma jistghux jizdiedu reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni; l-Avukat Generali, naturalment, jista' jnaqqas reat jew reati u anke jzid skuzanti*[6]*"*.

[6] **Il-Pulizija vs. Michael Carter** – 07/12/2001 App. Krim.

Ekwiperata allura n-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju ma' l-Att ta' l-Akkuza, huwa bil-wisq evidenti illi l-Avukat Generali ma kienx qed jakkuza iktar lill-appellanti bir-reat li lilu gie imputat fir-raba' akkuza indikata fic-citazzjoni, billi l-artikolu tal-ligi li jitkellem dwar dan ir-reat ma giex indikat fl-imsemmi rinviju. Illi bhal kif jaghmel meta jigi biex jirredigi l-Att ta' l-Akkuza, l-Avukat Generali wara li jifli l-atti tal-kumpilazzjoni irid jara liema huma dawk ir-reati li jistghu jigu imputati lill-persuna akkuzata fejn allura huwa jista' inaqqas reat jew reati minn dawk li kienu qed jigu investigati tul l-atti kumpilatorji.

Issa gialdarba ir-reat mahsub fl-Artikolu 207 tal-Kodici Kriminali fil-fehma ta' l-Avukat Generali ma kienx jirrizulta mill-atti ikkumpilati u allura ma giex minnu indikat fin-Nota ta' Rinviju Ghall-Gudizzju, l-Ewwel Qorti ghalhekk ma kellhiex tiehu konjizzjoni aktar ta' dina l-imputazzjoni, kif *del resto* hekk ghamlet, billi l-appellanti ma kienx qed jigi iktar akkuzat bil-kummissjoni ta' l-istess".

Tenut kont ta' dan isegwi li l-Qorti m'ghandha l-ebda alternattiva hlief li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-sitt (6) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat *stante* li din l-imputazzjoni ma tirrizultax mill-ebda Artikolu kwotat mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju.

**Ikkunsidrat**

Illi huma l-imputazzjonijiet kollha ghajr ghall-hames (5) u ghas-sitt (6) imputazzjoni li gew sodisfacentement pruvati u b'hekk l-imputat ser jigi misjub hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3) u tar-raba' (4) imputazzjonijiet.

Illi dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghar-reati li gew pruvati, il-Qorti tibda billi tinnota li fis-sentenza taghha tat-2 ta' Settembru 1999 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri**, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Jibqa' pero` il-fatt inkwetanti tal-ammont ta' droga nvoluta, ammont li fih innifsu kien jikkostitwixxi perikolu ghal terzi, ghax dak li jkun jista' facilment jiddeciedi li, flok ma juza d-droga esklussivament hu, jaqsamha ma' haddiehor."

Ghalhekk, f'dak il-kaz il-Qorti xorta wahda ghaddiet sabiex tinfliggi piena ta' prigunerija effettiva.

Il-Qorti tinnota wkoll li fis-sentenza taghha tat-13 ta' Ottubru 2009 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. David John Buttigieg**, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet is-segwenti:

> "…l-ammont involut, billi kien wiehed konsiderevoli, xorta wahda kien jipprezenta perikolu ghal terzi, ghax dejjem ikun hemm il-perikolu li min ikollu dik il-kwantita` jista' jasal biex joffri, anke jekk minghajr hlas, xi ftit minnha lil haddiehor li jkun hekk imhajjar. Fi kliem iehor, il-fatt li jkun hemm pussess semplici (cioé mhux aggravat) izda ta' ammont sostanzjali ta' droga, ghandu, bhala regola, igorr mieghu xorta wahda l-piena ta' prigunerija".

Illi fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Novembru 2006 fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Rene sive Nazzareno Micallef** inghad is-segwenti:

> "Il-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta'. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta' dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat

> messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena".

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor. Huwa impossibbli ghal-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, a priori, jistabbilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu. Ghalhekk jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u *entro* dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skont ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

Illi dwar il-varji modi kif il-Qorti tista' tittratta ma' persuna misjuba hatja ta' xi reat u x'evalwazzjoni ghandha ssir biex jigi stabbilit liema minn dawn il-modi jservi l-aktar lill-gustizzja, kellha l-opportunita tippronunzja ruhha l-Qorti tal-Appell Kriminali. Fis-sentenza moghtija fit-13 ta' Novembru 2009 fil-kawza Il-**Pulizija vs. Maurice Agius** dik il-Qorti qalet hekk:

> "Huwa car [....] li l-ewwel haga li Qorti trid tiddeciedi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mil-ligi stess) mizuri bhal ordnijiet maghmula taht l-Att dwar il-*Probation* jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-Gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioé biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-Gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi

> sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-Gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioé biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghal perjodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f'dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni [...]; jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza u, ikun jidhrilha li l-kaz ikun wiehed li fih sentenza ta' prigunerija ghandha tigi sospiza, x'ghandu jkun il-perjodu operattiv taghha (cioé ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati)".

Filwaqt illi din il-Qorti tikkondividi ma' dan il-hsieb espost hawn fuq, fl-istess hin kull kaz irid jigi determinat a bazi tac-cirkostanzi partikolari tieghu. *Di fatti*, apparti li l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni dak kollu li nghad hawn fuq, ser tiehu wkoll in konsiderazzjoni s-segwenti:

- in-natura tar-reati addebitati fil-konfront tal-imputat u li gew pruvati (b'mod specjali l-ewwel (1) u t-tielet (3) imputazzjonijiet);

- il-fedina penali (*a fol.* 15 *et seq.*) tal-imputat li hija wahda voluminuza;

- il-valur tad-droga misjuba liema valur jemani mir-rapport tax-Xjenzat Godwin Sammut;

- dak li jirrizulta mid-depozizzjoni ta' Vicky Scicluna, Dominic Borg, Dr. George Grech u Alicia Kilmont;

- it-trapass taz-zmien minn mindu sehhew il-fatti li taw lok ghal proceduri kriminali odjerni fil-konfront tal-imputat sad-data tas-sentenza prezenti;

- il-fatt li jidher li l-imputat mixi fit-triq it-tajba;

- il-fatt li l-Qorti ser tqis illi r-reat ikkontemplat fit-tieni (2) imputazzjoni serva bhala mezz ghal fini sabiex seta' jigi kommess ir-reat fl-ewwel (1) imputazzjoni *ai termini* tal-Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti tinnota li tenut kont tal-fatt li r-reat ta' traffikar gie pruvat (u kif ukoll dak ta' pussess aggravat) u li dan jinkwadra fl-Artikolu 120A(2)(b)(i) tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti, skont l-Artikolu 120A(7) tal-istess Kapitolu, la tista' tinzel taht il-minimu tal-piena, la tista' tapplika sentenza sospiza, u anqas tista' tapplika d-dispozizzjonijiet tal-Att dwar il-*Probation*. Fil-kawza odjerna m'huwiex applikabbli l-proviso ta' Artikolu 120A(7) tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk il-Qorti trid necessarjament tirrestringi ruhha ghall-parametri tal-piena stabbilita' u ċioé dik ta' minimu ta' prigunerija ghal zmien mhux inqas minn sitt xhur izda mhux izjed minn ghaxar snin apparti li l-ligi tipprovdi wkoll ghall-hlas ta' multa ta' mhux anqas minn €465.87 u mhux izjed minn €11,646.87.

Tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti ser tikkundanna lill-imputat ghall-piena ta' prigunerija effettiva u ghall-hlas ta' multa, liema piena ser tkun tqarreb aktar lejn il-minimu milli lejn il-massimu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li:

tasjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-sitt (6) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat,

ma ssibx lill-imputat hati tal-hames (5) imputazzjoni addebitata fil-konfront tieghu u b'hekk tilliberah minnha,

u

wara li rat in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali datata 9 ta' Mejju 2013 u senjatament Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

u

kif ukoll wara li rat

Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2), 120A(2)(b)(i) u Taqsima A tat-Tielet Skeda tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta,

Regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22/1985, u

Artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 tal-Ligijiet ta' Malta

issib lill-imputat Otis Cassar hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3), u tar-raba' (4) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal perjodu ta' sittax (16)-il xahar prigunerija u ghall-hlas ta' multa ta' elfejn Euro (€2000.00).

*Ai termini* tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-hati Cassar sabiex fi zmien sena millum ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti f'dawn il-proceduri u cioé is-somma ta' tlitt elef, tliet mija u tnejn u erbghin Euro u sitta u hamsin centezmu (€3342.56).[7]

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita (u tal-affarijiet relatati maghha) hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

[7] Xjenzat Godwin Sammut (Dok. "GS" – *a fol.* 161 – *a fol.* 7 *tergo*) (€431.41); Perit Valerio Schembri (Dok. "VS" – *a fol.* 225) (€957.19); Dr. Martin Bajada (Dok. "MB" – *a fol.* 234 *tergo*) (€156.70); Dr. Martin Bajada (Dok. "MB" – *Envelope loose* – *a fol.* 4 *tergo*) (€473.65); PC 1392 Kevin Buhagiar u PS 404 Paul Camilleri (Dok. "PC" – *Envelope loose*) (€198.37); Dr. John Seychell Navarro (Dok. "OC" – *Envelope loose* – *a fol.* 15) (€1125.24).

Finalment, il-Qorti tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom saru r-reati u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli ohra tal-hati.

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

**Ms. Alexia Attard**
**Deputat Registratur**